

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 6.5.2010
KUMM(2010)216 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni
finanzjarja soda
(applikazzjoni EGF/2009/014 ES/Comunidad Valenciana).**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti li jiġi mmobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-għotjiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fit-2 ta' Settembru 2009, Spanja baġtet l-applikazzjoni EGF/2009/014 ES/Comunidad Valenciana għal kontribut finanzjarju mill-EGF, wara li sfaw qiegħda 2 425 ruħ minn 181 intrapriża fis-settur NACE Reviżjoni 2 taqsima 23 ("Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn") fir-reġjun NUTS II tal-Comunidad Valenciana (ES52) fi Spanja.

Wara eżaminazzjoni bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet bi qbil mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament.

TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' referenza tal-EGF	EGF/2009/14
Stat Membru	Spanja
Id-data tal-applikazzjoni	2 ta' Settembru 2009
Artikolu 2	b
Ir-reġjun NUTS II	Comunidad Valenciana [ES52]
Taqsima NACE (reviżjoni 2) ³	Taqsima 23 ("Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn")
Perjodu ta' referenza	25.09.2008 – 24.06.2009
L-intrapriżi affettwati	181
Sensji matul il-perjodu ta' referenza, li minnhom:	2 425
– ikkalkulati permezz ta' avviż individwali	0
– ikkalkulati permezz ta' temmija fattwali tal-kuntratt	509
– ikkalkulati permezz tan-notifika tas-sensji kollettivi ppjanati lill-awtorità pubblika	1 916
Ħaddiema li sfaw qiegħda fil-mira tal-appoġġ	1 600
Data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	15 ta' Settembru 2009
Servizzi personalizzati: baġit f'EUR	9 691 900
Nefqa amministrattiva: baġit f'EUR	460 000
% nefqa amministrattiva	4.5

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, tat-30.12.2006, p. 1.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-20.12.2006 (ĠU L 393 tat-30.12.2006, p.1)

Baġit totali f'EUR	10 151 900
Kontribut tal-EGF f'EUR (65%):	6 598 735

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-2 ta' Settembru 2009 u kienet supplimentata minn tagħrif addizzjonali sat-22 ta' Frar 2010.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet biex jitnieda l-EGF kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u t-tibdiliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni jew il-qagħda finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, Spanja saħqet li s-settur tal-kostruzzjoni ntlagħhet severament mill-kriżi. Il-kollass tas-suq tal-ipoteki subprime fl-Istati Uniti, b'konsegwenzi avversi maġġuri għall-banek u s-swieq finanzjarji madwar id-dinja, kellhom bħala riżultat dirett it-tnaqqis tal-bażi ta' kapital tal-istituzzjonijiet finanzjarji, li ħalla lil ħafna minnhom b'inqas kapaċità ta' tislif u iktar kawti. Għalhekk self lis-settur tal-kostruzzjoni jew lil individwi naqas drastikament u d-domanda għal djar ġodda naqset minħabba tnaqqis fil-kunfidenza tal-konsumatur u n-nuqqas ta' flus kontanti. Pereżempju, fi Spanja l-għadd ta' ipoteki naqas minn medja ta' kull xahar ta' 140 000 għal 180 000 (bidu tal-2006 sa nofs l-2007) għal medja ta' kull xahar ta' 80 000 (fnofs l-2009).
4. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet fil-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku⁴ li d-domanda tal-industrija tal-kostruzzjoni fl-UE ħadet tisbita sew minħabba l-kriżi. Id-domanda għall-prodotti taċ-ċeramika u l-madum ta' mal-ħajt u ta' mal-art huma marbuta mill-qrib mad-domanda tas-settur tal-kostruzzjoni, li huwa influwenzat mill-għadd ta' binjiet ġodda u d-domanda għar-rinnovazzjonijiet u titjib. L-għadd ta' permessi tal-bini mogħtija fi Spanja naqas bi 15 % fl-2007 u b'57 % fl-2008. Dan it-tnaqqis fid-domanda kellu impatt negattiv qawwi fuq l-impjiegi fis-settur tal-kostruzzjoni u l-industriji anċillari bħall-injam għal ġewwa, il-materjali tal-bini (inklużi prodotti taċ-ċeramika), għamara, eċċ.

Turiya tal-għadd ta' sensji u konfomità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)

5. Spanja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm mill-anqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess taqsima NACE Revision 2 f'reġjun wieħed jew żewġ reġjuni kontigwi fil-livell NUTS II fi Stat Membru.
6. L-applikazzjoni ssemmi 2 425 sensja f'181 intrapriża kklassifikati fl-istess taqsima NACE Reviżjoni 2 tul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mill-25 Settembru 2008 sal-24 Ġunju 2009, li jinsabu kollha f'reġjun wieħed fil-livell NUTS II, il-Comunidad Valenciana. 509 minn dawn is-sensji f'120 intrapriża ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Kien hemm 1 916-il sensja f'64 intrapriża u ġew ikkalkolati skont it-tielet inċiż tal-istess

⁴ Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku. COM(2008) 800

paragrafu⁵. Il-Kummissjoni rċeviet il-konferma meħtieġa skont it-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(2) li dan huwa n-numru reali ta' sensji milquta. Minn total ta' 2 425 ħaddiem, 1 600 ġew identifikati għall-ġhajna.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

7. L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li l-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet għall-kollass f'daqqa waħda tal-ekonomija dinjija b'impatt enormi fuq ħafna setturi. Is-sitwazzjoni ekonomika mill-2008 'l hawn ma baqgħetx ssegwi ix-xejriet tas-snin ta' qabel. Dan ma kienx tnaqqis ekonomiku gradwali, li l-kumpaniji setgħu iħejju għalih.
8. Studju li sar dwar id-distrett taċ-Ċeramika ta' Castellón⁶ mill-Università Jaume I fil-kuntest tal-Pjan ta' Kompetittività tas-Settur taċ-Ċeramika 2005-2007 rrapporta l-possibilità ta' tnaqqis f'daqqa fl-attività tal-kostruzzjoni fil-livell nazzjonali Spanjol b'madwar 15 %. Meta seħħet il-waqgħa fil-bejgħ, hija qabżet il-previżjonijiet bi tliet darbiet. Fil-Pjan ta' Kompetittività, l-isforzi kollha kienu ffukati fuq l-innovazzjoni, it-tqegħid fis-suq, it-taħriġ u l-kooperazzjoni, peress li t-tnaqqis possibbli fil-bejgħ ma tqiesx bħala riskju ewlieni.
9. Qabel il-kriżi, is-settur taċ-ċeramika Spanjol għamel investimenti sinifikanti sabiex tizzied il-kapaċità ta' produzzjoni (impjanti ġodda ta' produzzjoni u makkinarji ġodda) kif ukoll żviluppa prodotti ġodda b'valur miżjud oġhla. Fl-2007 s-settur taċ-ċeramika investa d-doppju tal-livell ta' investiment medju Spanjol fir-riċerka u l-iżvilupp⁷. L-Istitut Teknoloġiku taċ-Ċeramika ħoloq osservatorju fl-2007 biex jipprovdli lill-industrija tal-madum taċ-ċeramika bit-tagħrif għat-tisħiħ tal-kompetittività tagħhom fis-swieq internazzjonali. Bosta mill-kumpaniji elenkati hawn taħt ikkontribwew finanzjarjament u pparteċipaw attivament fix-xogħol imwettaq mill-osservatorju.
10. L-istrateġija ta' żvilupp ta' prodotti ta' valur miżjud għoli u investimenti relatati kienu jitħallew għal iktar tard li kieku l-kumpanija setgħet tipprevedi l-kriżi.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-ġhajna

11. L-applikazzjoni tikkonċerna 2 425 ruħ li sfaw qiegħda (li minnhom 1 600 qegħdin fil-mira tal-ġhajna) fil-181 intrapriża li ġejjin:

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
4bm Cerámicas Comunidad Valenciana 2008, S.L.	92	Halcón Cerámicas, S.A.	76
Abad Ceramistas, S.L.	6	Hatz Spain, S.A.	20
Absolut Keramica, S.L.	1	Herarbo 2, S.L.	1
Adobe Cerámicas, S.L.	15	Hidrapren, S.A.	2
Alfa Cerámico y Porcelánico, S.A.	10	Hijos de Francisco Gaya Fores, S.L.	1
Alundum, S.A.	2	Hispanoazul, S.A.	1

⁵ Għal tlieta minn dawn l-intrapriżi (Artísticos del Levante S.A., Azulejos Sanchís S.L. and Roig Cerámica S.A.) is-sensji ġew ikkalkulati skont it-tielet inċiż għall-parti l-kbira tal-ħaddiema tagħhom (98%, 78% u 64% rispettivament) u skont it-tieni għall-bqija.

⁶ Estudio sobre *El Distrito de la Cerámica de Castellón*. Instituto Interuniversitario de Desarrollo Local de la Universidad Jaume I

⁷ INE, l-istitut tal-istatistika nazzjonali Spanjol.

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Apavisa Porcelánico, S.L.	2	Hormigones del Este, S.A.	1
Arce Cerámicas, S.L.	70	Iberoalcorense, S.L.	32
Arcillas Atomizadas S.A.	2	Industria Cooperadora del Azulejo, S.L. (Incoazul)	7
Aresmat, S.L.U.	1	Industrias Alcorenses Confederadas (Inalco)	12
Argenta Cerámica, S.A.	1	Inoxpro, S.L.	2
Arrandis Cerámicas, S.L.	15	Iruba Ceramic, S.L.	1
Arte y Diseño Cerámico, S.A.	1	Itaca, S.A.	2
Artisticos del Levante, S.A.	22	Juan Jose Limo Casals, S.L.	21
Azteca Cerámica S.L.	1	Kaleydos Design S.L.	18
Azteca Products & Services, S.L.	8	Kerabén, S.A.	48
Azteca Sergrup, S.L.	10	Keramapol SI	1
Azulejera Técnica, S.A.	61	Keramarmol S.L.	8
Azulejo Español, S.L.	2	Keramia Cerámicas, S.L.	18
Azulejos Mallol, S.A.	16	Keratrim, S.A.	5
Azulejos Mijares, S.L.	3	Keren Marmoles, S.L.	1
Azulejos Sanchis, S.L.	41	Kerlux, S.A.	69
Azulev S.A.	5	Keros Cerámica, S.A.	3
Azuliber 1, S.L.	24	Land Porcelánico, S.L.	1
Azuvi, S.A.	70	Levitile Ibérica, S.A.	13
Ballesmar, S.L.	32	Lucena Cerámicas	23
Barro Diseño y Arte, S.L.	1	M ^a Soledad Pascual Conde	1
Batimat Mediterraneo, S.L.	7	Mantenimiento y Montajes Ceramicos Man, S.L.	1
Batimat, S.A.	1	Marazzi Iberia	4
Biselglass, S.L.	9	Marmoles Portoles, S.L.	1
Cales de La Plana, S.A.	1	Mecacer, S.L.	2
Candida Conde Gomez, S.L.U.	2	Mercury Cerámica, S.L.	1
Cartonajes La Plana, S.L.	1	Metropol Cerámica, S.L.	1
Cerámica Artia, S.L.	1	Miura Cerámicas, S.L.	1
Cerámica Bechinense, S.A.	43	Molcer, S.A.	6
Cerámica Da Vinci, S.L.	10	Moldeados Ceramicos, S.L.	1
Cerámica Kersa, S.L.	43	Navarti Cerámica, S.L.	29
Cerámica Latina, S.L.	1	Nexo Iberica, S.L.	1
Cerámica Montgo, S.L.	12	Nomazul, S.A.	2
Cerámica Nulense, S.A.	1	Nuevos Productos Cerámicos, S.A.	2
Cerámica Saloni, S.A.	82	Ondabaño	17
Cerámica Tres Estilos, S.L.	14	Palo Rosa Cerámicas y Parquet, S.L.	2
Cerámicas Artísticas Ondenses, S.L.	1	Pamesa Cerámica, S.L.	21
Cerámicas Belcaire, S.A.	1	Pavimentos Bechi, S.L.	1
Cerámicas Fanal, S.A.	1	Pavires Azulejos del Sur S.L.	1
Cerámicas Peñarroya, S.A.	11	Piedras Bernad, S.L.	1
Cerámicas Tricenten, S.L.	1	Pinceram, S.L.	5
Cerámicas Vives, S.A.	4	Planagrup, S.L.	1
Ceraworld Produccion, S.A.	30	Planomyr, S.A.	31
Cerbarro, S.L.	1	Porcelanicos HDC, S.A.	2
Cergrup Cerámicas, S.L.	17	Porcelanite, S.L.	3
Cerpa, S.L.	10	Porcelanosa Cerámica, S.A.	11

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
Cerrajería Mecánica Vila-Real, S.A.	1	Prefabricados Pavi, S.L.	1
Cifre Cerámica, S.L.	1	Promosanit, S.A.	2
Colorificio Cerámico Bonet, S.A.	43	R.Hervas S.A.	13
Colorker, S.A.	1	Real Cerámica, S.A.U.	50
Comayco Vidrio La Plana, S.L.	12	Realonda, S.A.	22
Comercial Coinge, S.L.	1	Repuestos Cerámicos Almazora, S.L.	1
Comercial Nou Colors, S.L.	1	Revestimientos Ceramicos Castellon, S.A.	34
Compacglass, S.L.	1	Roig Cerámica, S.A. (Rocersa)	55
Composiciones Artísticas de Cerámica, S.L.	17	S.A. Minero Catalana Aragonesa	2
Corintia Esmaltes Ceramicos, S.L.	4	Sanycces, S.L.	2
Cottocer, S.L.	4	Seriman, S.A.	57
Cristal Cerámicas, S.A.	1	Serviquimia, S.L.	1
Deciver 21, S.L.	2	Sesoca, S.L.	5
Deltaker, S.A.	1	Sichar Cerámica, S.A.	4
Disfrimur, S.L.	1	Silvano Lassi, S.L.	25
Egeum 2000, S.L.	15	Sociedad Tecnológica Industrial Levantina de Cerámicas, S.L.	42
Endeka Ceramics, S.A.	4	Superceramica, S.A.	39
Equipe Cerámica, S.L.	55	System-Pool, S.A.	8
Esmalglass, S.A.	61	Talleres Boyma, S.L.	1
Esmaltes, S.A.	3	Taullel S.A.	37
Estudio Cerámico, S.L.	52	Tecnofoc Design, S.L.	55
Eurodema, S.L.	2	Tecnología de Limpieza Ambiental, S.L.	2
Exagres, S.A.	17	Tendencias Cerámicas, S.L.	24
Experiencia Cerámica, S.A. "Expersa"	21	Terracota Pavimento de Gres, S.A.	1
Expo-Rotul, S.L.	1	Terracuita S.A.	6
Fabricacion Española Sanitaria, S.A. (Fabresa)	1	Todagres, S.A.	46
Ferraes Cerámica, S.A.	1	Torreid, S.A.	4
Ferro Spain Sa	1	Tot Encofrat, S.L.	1
Forjados Amo, S.L.	14	Tottall Ceramic, S.L.	2
Gama-Decor, S.A.	3	Trazos Ceramicos, S.L.	2
Garogres, S.A.	29	Tres F., S.L.	36
Gocare, S.L.	1	Tres Terminos Arregui, S.A.	2
Gres Blanc	1	Undefasa, S.A.	11
Gres Cid, S.L.	5	Universal Cerámica, S.L. (Unicer)	3
Gres de Valls, S.A.	11	Utiles Ceramicos, S.L.	1
Gres Rústico Extrusionado, S.A.	40	Venis, S.A.	17
Grespania, S.A.	10	Vicente Enrique Bort Martinez	1
Grupo Serviclean 3000, S.L.	2	Vidrepur, S.A.	1
Guillamon Bou, S.A.	13		
Għadd totali ta' Intrapriżi 181		Għadd totali ta' sensji: 2 425	

12. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irġiel	1 137	71,1

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Nisa	463	28,9
Ċittadini tal-UE	1 556	97,3
Ċittadini minn barra l-UE	44	2,7
Età bejn 15 u 24 sena	58	3,6
Età bejn 25 u 54 sena	1 398	87,4
Età bejn 55 u 64 sena	143	8,9
Età 'l fuq minn 65 sena	1	0,1

13. 23 mill-ħaddiema fil-mira għandhom diżabilità.

14. F'termini ta' kategoriji professjonali⁸ jitqassmu kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Maniġers	26	1,63
Professjonisti	36	2,25
Tekniċi u professjonisti assoċjati	200	12,50
Skrivana	132	8,25
ħaddiema fl-artiġjanat u snajja' relatati	307	19,19
Operaturi tal-impjant u tal-magni	663	41,44
Xogħlijiet elementari	215	13,44
Oħrajn	21	1,31

15. F'termini ta' livell edukattiv⁹ jitqassmu kif ġej:

Livell edukattiv	Għadd	Perċentwali
Edukazzjoni bażika (sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja)	528	33,00
Edukazzjoni sekondarja oġhla	158	9,87
Edukazzjoni terzjarja	90	5,63
Oħrajn (edukazzjoni mhux formali)	104	6,50
Nies bla edukazzjoni jew li telqu mill-iskola kmieni	720	45,00

16. Jistgħu jinstabu perċentwali simili meta jitqiesu l-2 425 ħaddiem li sfaw qiegħda b'eċċezzjoni waħda: il-ħaddiema bla edukazzjoni jirrappreżentaw 37% tal-ħaddiema li tkeċċew imma 45% tal-ħaddiema fil-mira tal-ghajjuna.

17. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Spanja kkonfermat li għet applikata u se titkompla politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, għall-aċċess fl-EGF.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu:

⁸ Il-kategoriji huma msejsa fuq il-Klassifika tal-Istandards tal-Impjiegi Internazzjonali (ISCO-88).

⁹ Il-kategoriji huma bbażati fuq il-Klassifikazzjoni Standard tal-Edukazzjoni Internazzjonali (ISCED-97)

18. It-territorju milqut mis-sensji jinsab fi ħdan ir-reġjun NUTS II tal-Comunidad Valenciana, u huwa kkonċentrat fi tliet comarcas (li qishom kontej) fil-provinċja NUTS III ta' Castellón: Alcaatén, La Plana Alta u La Plana Baixa. Din iż-żona ta' madwar 30 km madwar il-belt ewlenija tal-provinċja, Castellón de la Plana, hija magħrufa bħala "d-distrett industrijali taċ-ċeramika" peress li kważi l-produzzjoni Spanjola kollha taċ-ċeramika ġejja minn hawn.
19. Il-partijiet interessati ewlenin huma l-Generalitat Valenciana (il-gvern awtonomu tal-Comunidad Valenciana), Diputación de Castellón (l-awtorità lokali tal-provinċja rilevanti), it-trejdjunjins: UGT-PV, CCOO-PV, MCA-UGT-PV u FECOMA-CCOO-PV¹⁰, il-Konfederazzjoni tal-Għaqdiet tan-Negożju tar-Reġjun Awtonomu ta' Valencia (CIERVAL) u l-Assoċjazzjoni Spanjola tal-Manifatturi tal-Madum taċ-Ċeramika (ASCER). Dawn il-partijiet interessati kienu f'kuntatt u f'konsultazzjonijiet ma' xulxin f'bosta okkażjonijiet, u ffurmaw konsorzju b'appoġġ għall-miżuri tal-EGF u r-riżultati tagħhom.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

20. Fil-Comunidad Valenciana, matul l-aħħar 24 xahar, l-għadd ta' ħaddiema qiegħda ttriplika, meta tela' minn 19 100 fit-tieni kwart tal-2007 għal 67 400 fl-ewwel kwart tal-2009. L-industrija taċ-ċeramika tirrappreżenta 2,2 % tal-intrapriżi, 8,7 % tax-xogħlijiet u 7,1 % tal-fatturat nett fir-reġjun ta' Valencia.
21. 75 % tal-popolazzjoni totali tal-provinċja ta' Castellón toqgħod f'żona magħrufa bħala "d-distrett industrijali taċ-ċeramika" fejn l-industrija taċ-ċeramika tirrappreżenta medja ta' 20 % tax-xogħlijiet totali, filwaqt li f'xi muniċipalitajiet din il-perċentwali titla' għal 80 %.
22. Spanja ssostni li fid-"distrett industrijali taċ-ċeramika" l-għadd ta' ħaddiema qiegħda fl-industrija taċ-ċeramika żdied bi kważi 500 % tul l-aħħar sentejn u nofs (Jannar 2007 - Ġunju 2009). Minħabba l-konċentrazzjoni tas-settur f'għadd żgħir ta' żoni (85 % tal-impjiegi fl-industrija taċ-ċeramika jinsabu f'seba' muniċipalitajiet) l-impatt lokali huwa terġa' iktar sinifikanti milli juru dawn iċ-ċifri.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

23. Il-miżuri kollha li ġejjin flimkien jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati maħsuba biex jerġgħu jintegraw lill-ħaddiema fis-suk tax-xogħol.
- Appoġġ individwali għat-tfittxija ta' xogħol: Din il-miżura għandha l-mira li tipprovdi lill-ħaddiema kollha fil-mira bil-mezzi materjali u t-tħarriġ individwali tul l-attivitajiet ta' tfittxija ta' impjieg. Se jingħata appoġġ addizzjonali lit-23 ex-ħaddiem b'diżabilità, bħal li jiġu akkumpanjati għal intervisti għal xogħol jew biex japplikaw għal xogħol f'ċentru tal-impjiegi speċjali (intrapriżi li l-forza tax-xogħol tagħhom jinkludu ħaddiema b'diżabilità), li jiġu infurmati l-impjegaturi potenzjali

¹⁰ Unión General de Trabajadores del País Valenciano (UGT-PV), Comisiones Obreras del País Valenciano (CC.OO.-PV), Federación del Metal, Madera y Afines de la UGT del País Valenciano (MCA-UGT-PV) u Federación de Construcción, Madera y Afines (FECOMA-CC.OO.-PV)

bil-benefiċċji fiskali meta jiġu ingaġġati dawn il-ħaddiema jew li jiġu organizzati skemi ta' taħriġ dwar metodi ta' tfittxija tax-xogħol.

- Monitoraġġ u Gwida Okkupazzjonali: L-ewwel miżura pprovduta lill-1 600 parteċipant tikkonċerna l-ġbir tal-profilu tal-ħaddiema. Il-gwida pprovduta tinkludi tagħrif dwar ix-xogħlijiet disponibbli, dwar ħiliet u taħriġ meħtieġa, dwar programmi ta' taħriġ disponibbli u skemi ta' appoġġ għall-apprendistat, dwar programmi ta' taħriġ disponibbli u skemi ta' appoġġ għall-apprendistat, kif ukoll għotjiet ta' mobilità, inċentivi ta' inserzjoni u ta' parteċipazzjoni.
- Għajjuna għar-rikollokament: Dan jinvolvi t-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' appoġġ personalizzat, inkluż mentoring. Il-ħaddiema se jirċievu taħlita ta' miżuri fil-pakketti rispettivi tagħhom skont il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom. Il-proċess ta' mentoring, tul l-implimentazzjoni tal-EGF, se jiżgura li l-pakketti jkunu jistgħu jiġu aġġustati jekk ikun hemm bżonn. Il-pakkett personalizzat tal-miżuri se jinkludi għajjuna intensiva fit-tfittxija għal xogħol, il-parteċipazzjoni f'waħda mill-ħames meded ta' taħriġ proposti (il-promozzjoni ta' intraprenditorjat, taħriġ għal titjib tal-kwalifiki/ħiliet professjonali b'fokus fuq is-settur taċ-ċeramika, taħriġ għal kwalifiki professjonali f'setturi oħra mhux relatati mas-settur taċ-ċeramika, taħriġ fl-ekonomija soċjali u taħriġ bl-għan ta' mobilità) u l-ħlas ta' inċentiv ta' parteċipazzjoni lill-ħaddiema (somma ta' darba) ta' EUR 350.
- Għajjuna intensiva għat-tfittxija ta' xogħol: Dan jinvolvi tfittxija intensiva għal impjieg, inkluża riċerka attiva tal-opportunitajiet ta' xogħol lokali u reġjonali, taħriġ personalizzat qabel u matul il-proċess tal-għażla u tutoring wara r-riintegrazzjoni fix-xogħol.
- Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: Din il-miżura se tinkludi valutazzjoni tal-bżonnijiet ta' taħriġ tal-ħaddiema kkonċernati, u t-taħriġ tagħhom f'setturi fejn jeżistu jew jistgħu jinqalgħu l-opportunitajiet. Madwar 50 % tal-ħaddiema fil-mira se jipparteċipaw f'din il-miżura.
- Taħriġ għal kwalifika professjonali / titjib tal-ħiliet: Għal dawk il-ħaddiema li diġà għandhom ħiliet tekniċi, se jiġi organizzat taħriġ speċifiku biex jitjiebu l-kompetenzi professjonali tagħhom. It-taħriġ se jkun imfassal biex jaqdi l-bżonnijiet futuri tal-intrapriżi taċ-ċeramika. Madwar 12,5 % tal-ħaddiema fil-mira se jipparteċipaw f'din il-miżura.
- Taħriġ fl-ekonomija soċjali. Fi Spanja, l-ekonomija soċjali hija settur ewlieni; hija tirrappreżenta 18 % tal-impjegi kif ukoll 14 % tal-PGD. Kumpaniji fejn il-ħaddiema huma s-sidien jew kooperattivi u mutwalitajiet, organizzazzjonijiet volontarji u fundazzjonijiet huma fil-wisa' appoġġjati mill-amministrazzjoni nazzjonali u dik reġjonali permezz ta' inċentivi fiskali, għotjiet, eċċ. Dan it-taħriġ għandu l-mira li jsaħħaħ il-vijabilità ta' proġetti ta' min jaħdem għal rasu u l-promozzjoni tal-assoċjazzjoni ta' ex-kollegi.
- Promozzjoni ta' intraprenditorjat: Se jiġu pprovduti attivitajiet ta' taħriġ speċifiċi għal dawk il-ħaddiema li jixtiequ jibdeu in-negozju tagħhom. Dan se jkopri elementi bħall-ippjanar, it-twetliq ta' studji ta' fattibilità, preparazzjoni ta' pjanijiet ta' negozju u kif jinġiebu l-finanzjamenti. Madwar 2.5 % tal-ħaddiema fil-mira se jipparteċipaw f'din il-miżura.
- Taħriġ għal mobilità. Waħda mill-karatteristiċi tal-industrija Spanjola hija l-konċentrazzjoni ġeografika ta' attivitajiet ekonomiċi (eż. il-produzzjoni ta' prodotti

taċ-ċeramika fil-Comunidad Valenciana). Il-miżura hija intenzjonata għal dawk il-ħaddiema li sfaw qiegħda, li huma diġà predisposti biex jibdlu r-residenza tagħhom biex isibu xogħol f'settur ekonomiku differenti. Huma se jitħarrġu fil-ħiliet professjonali meħtieġa minn setturi oħra, li jinsabu barra minn Castellón jew il-Comunidad Valenciana, li qed ifittxu l-ħaddiema, jew f'aspetti essenzjali oħra li jiffaċilitaw il-mobilità (eż. il-lingwa lokali). Din il-miżura se tkun ipprovduta biss meta jkun hemm grad għoli ta' ċertezza li se jiġi offrut xogħol.

- Workshops ta' taħriġ ikkombinati ma' apprendistat. Din il-miżura hija maħsuba għall-iżjed ħaddiema fil-mira żvantaġġati li, wara li tħarrġu f'ħiliet professjonali ġodda, se jingħataw l-opportunità li jieħdu ftit esperjenza permezz ta' kuntratt ta' 12-il xahar bħala apprendisti. Dawn l-apprendistati se jitħallsu 120 % tal-paga minima Spanjola flimkien ma' parti pro-rata tal-paga tat-13 u l-14-il xahar¹¹.
- Inċentiv ta' parteċipazzjoni. Biex jitħeġġew jipparteċipaw fil-miżuri, il-ħaddiema se jirċievu somma ta' darba ta' EUR 350 bil-kundizzjoni li jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-pakkett EGF.
- Għoti ta' somma għall-mobilità Dawk il-ħaddiema li jipparteċipaw f'miżura li qed isseħħ 'il barra mill-provinċja ta' residenza tagħhom (Castellón) se jirċievu somma għall-mobilità ta' EUR 350 fix-xahar bħala kontribut għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar.
- Inċentivi ta' rikollokament. Se jitħallas sussidju ta' paga ta' EUR 350 fix-xahar għal massimu ta' seba' xhur lill-ħaddiema li jmorru lura għax-xogħol bħala impjegati jew ħaddiema impjegati għal rashom. Is-sussidju huwa maħsub biex jinkoraġixxi r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol u biex jistimula l-ħaddiema, partikolarment dawk li huma aktar avvanzati fiż-żmien, biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

24. In-nefqa amministrattiva, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri l-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni u kontroll kif ukoll tagħrif u pubbliċità.

25. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 L-awtoritajiet Spanjoli jistmaw li l-ispiża totali ta' dawn is-servizzi hija ta' EUR 9 691 900 waqt li l-ispiża amministrattiva hija ta' EUR 460 000 (= 4,5 % tal-ammont totali). Din il-perċentwali hija kemm kemm ogħla mis-soltu, minħabba l-inklużjoni ta' studju dwar il-qagħda ekonomika lokali u l-opportunitajiet ta' impjieg alternattiv fiż-żona affettwata bil-valur ta' EUR 60 000 fost il-miżuri preparatorji, bl-għan li jittieħdu miżuri biex it-taħriġ u t-tfittix ta' xogħol għall-ħaddiema li sfaw qiegħda jsiru iktar effettivi. Il-kontribut totali mitlub mill-EGF huwa ta' EUR 6 598 735 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)

¹¹ Fi Spanja, is-salarju annwali kuntrattwali jinqasam f'erbatax-il parti uguali, tnax minnhom jitħallsu kull xahar u t-13 u l-14 jitħallsu f'Ġunju u f'Diċembru flimkien mas-salarju tax-xahar rilevanti.

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
1. Appoġġ individwali għat-tfittxija ta' xogħol (<i>Centro de apoyo</i>)	1 600	167,16	267 450 ¹²
2. Gwida (<i>Acogida y seguimiento</i>)	1 600	250,00	400 000
3. Għajnuna intensiva għat-tfittxija ta' xogħol u għar-rikollokament (<i>Programa de apoyo a la recolocación -PAR-. Subprograma empleo</i>)	1 170	1 500,00	1 755 000
4. Taħriġ u taħriġ mill-ġdid (<i>PAR subprograma Formación. Formación fuera del sector cerámico</i>)	850	2 400,00	2 040 000
5. Taħriġ għal kwalifiki professjonali (<i>PAR subprograma Formación Formación dentro del sector cerámico</i>)	200	2 400,00	480 000
6. Taħriġ fl-ekonomija soċjali (<i>PAR subprograma Formación. Formación en economía social</i>)	40	2 400,00	96 000
7. Promozzjoni ta' intraprenditorjat (<i>PAR subprograma Formación. Formación para emprendedores</i>)	40	2 400,00	96 000
8. Taħriġ bil-ħsieb tal-mobilità (<i>Programa de apoyo a la recolocación -PAR-, subprograma formación. Formación en movilidad</i>)	40	2 400,00	96 000
9. Workshops ta' taħriġ ikkombinati ma' apprendistat. (<i>Talleres de empleo para el reciclaje profesional</i>)	210	15 000,00	3 150 000
10. Inċentivi ta' parteċipazzjoni. (<i>Incentivos a la participación</i>)	1 170	350,00	409 500
11. Għoti ta' somma għall-mobilità (<i>Incentivos a la movilidad geográfica</i>)	40	1 050,00	42 000

¹² Id-differenza bejn l-ispejjeż totali minħabba t-tqassir għal żewġ punti deċimali tal-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira.

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l- kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
12. Inċentivi ta' rikollokament. (<i>Incentivos a la recolocación</i>)	351	2 450,00	859 950
Subtotal tas-servizzi personalizzati			9 691 900
Għajnuna teknika għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Tħejjija			60 000
Ġestjoni			137 000
Informazzjoni u pubbliċità			122 000
Attivitajiet ta' kontroll			141 000
Subtotal tan-nefqa amministrattiva			460 000
Stima tal-ispejjeż totali			10 151 900
Kontribut tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)			6 598 735

26. Fir-rigward tal-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, l-awtoritajiet Spanjoli jikkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali.
27. L-għanijiet ewlenin tal-programmi operattivi tal-ESF 2007-2013 għall-Comunidad Valenciana qed jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja tal-ħaddiema u jnaqqsu r-riskju ta' żgħażaġh li jtitlqu mill-iskola kmieni, b'fokus b'mod partikolari fuq l-iktar nies vulnerabbli jew in-nies fir-riskju ta' esklużjoni soċjali, l-iktar ħaddiema żgħażaġh, jew dawk ta' iktar minn 45 sena, nisa u persuni b'diżabilità. B'mod partikolari, b'relazżjoni mal-azzjonijiet kofinanzjati skont l-ESF, Spanja indikat li madwar 5 % tal-ħaddiema li sfaw qiegħda fl-industrija taċ-ċeramika, f'xi ħin jew ieħor fl-imgħoddi kienu bbenefikaw minn attivitajiet ta' taħriġ offrutu skont il-programm ESF mal-pajjiż kollu "Taħriġ għall-Impjiegi". Is-segwitu kontinwu tal-azzjonijiet tal-ESF u l-EGF li għandhom l-istess finijiet u ħaddiema kkonċernati se jevita li l-miżuri tal-ESF u l-EGF jintrikbu.

Id-data/i meta nbdew jew huwa maħsub li jinbdew servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati

28. Is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost għal kofinanzjament permezz tal-EGF inbdew minn Spanja fil-15 Settembru 2009. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kull għajnuna li tista' tingħata mill-EGF.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

29. L-imsieħba soċjali kienu kkonsultati matul il-preparazzjoni tal-pakkett ikkoordinat tal-miżuri. L-applikazzjoni proposta kienet diskussa fil-laqgħat tat-2 Ġunju 2009 u s-7 Lulju 2009 mal-imsieħba soċjali: Generalitat Valenciana, Diputación de Comunidad Valenciana, l-għaqdiet ta' min iħaddem: CIERVAL u ASCER; u t-trejdjunjins prinċipali (UGT-PV, CCOO-PV, MCA-UGT-PV and FECOMA-CCOO-PV). Barra minn hekk, inħoloq konsorzju. Din l-entità organizzattiva se tkun inkarigata mill-istudju tal-qagħda ekonomika u l-opportunitajiet ta' impjiegi fiż-żona affettwata u se tiżgura l-kunsens u l-parteċipazzjoni tal-atturi involuti. Il-konsorzju huwa magħmul minn rappreżentanti mill-imsieħba soċjali msemmija.
30. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew sodisfatti.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

31. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi,
 - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi,
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija fil-punti 23 sa 25 hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

32. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jkun ġestit u kkontrollat mill-istess entitajiet li jġestixxu u jikkontrollaw l-ESF. Id-Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Ekonomiċi tal-Ministeru Reġjonali tal-Finanzi u l-Impjiegi tal-Comunidad Valenciana se jkun l-entità intermedja għall-awtorità ta' ġestjoni.

Finanzjament

33. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni minn Spanja, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 6 598 735, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat minn Spanja.
34. Fid-dawl tal-ammont massimu possibbli ta' kontribut finanzjarju mill-EGF skont l-Artikolu 10 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-ambitu tar-riallokkazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li timmobilizza l-EGF għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
35. Dan l-ammont propost ta' kontribut finanzjarju se jħalli iktar minn 25 % tal-ammont massimu annwali allokati għall-EGF disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

36. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssemplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jiġi użat l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-ferġha l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
37. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti speċifiċi, kif meħtieġ mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/014 ES/Comunidad Valenciana).

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda¹³, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea¹⁵,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu meħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-għan tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jkunu sfaw qiegħda bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Spanja baġtet applikazzjoni biex timmobilizza l-EGF, fir-rigward tal-qgħad fil-181 intrapriża li joperaw fir-Reviżjoni 2 taqsima 23 tan-NACE ("Manifattura ta' prodotti minerali nonmetalliċi oħrajn") f'reġjun NUTS II uniku, Comunidad Valenciana (ES52), fit-2 ta' Settembru 2009 u ssupplimentatu b'taġħrif addizzjonali sat-22 ta' Frar 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-

¹³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

¹⁴ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

¹⁵ ĠU C [...], [...], p. [...].

kontributi finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tressaq proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 6 598 735.

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjonijiet imressqa minn Spanja.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 6 598 735 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell/Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President